MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 386/2005

**Valhmor Borg Import Export Limited (C3062)**

**vs**

**Elite Food Services Co. Limited bhala d-debitur principali, u Kevin Abela bhala garanti flimkien u in solidum mad-debitur principali u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2005 Christopher Mifsud gie kjamat fil-kawza**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma kumplessiva ta' elfejn, mija u sitta u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2,196.90), rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lilhom mibjugha u kkonsenjati, kif ukoll ghall-hlas ta' l-imghaxijiet legali dekorribbli mill-20 ta' Ottubru 2005 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Qbid li gie pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smigh, tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti u l-kjamat fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti u l-kjamat fil-kawza naqsu u ma dehrux, la fit-3 Mejju, 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum u l-kjamat fil-kawza Christopher Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------